MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 790/2004

**John Fitz u Shirley Gauci**

**Vs**

**L-Avukat Anthony Rutter Giappone fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' l-assenti Domenique Austrauu u Giani Vitali**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fid-19 ta' Ottubru 2004 l-atturi ppremettew li bejn it-22 u 23 ta' April 2002 kien hemm glieda f'Paceville li fiha kienu nvoluti l-konvenuti li ftit tal-hin qabel kienu qeghdin jaghmlu hsara volontarja fuq vetturi. Il-glied inqala' meta waslu fuq il-post il-pulizija sabiex jinvestigaw il-kaz.

Minhabba l-atti vandali li ghalihom kienu responsabbli l-konvenuti jew min minnhom, saret hsara fuq il-vetturi LVY 195 (John Fitz), EAK 843 (John Fitz), FGY 018 (John Fitz), BBM 743 (Shirley Gauci) u FGY 020 (John Fitz).

Waqt il-glieda li nqalghet, meta fil-post kien hemm il-pulizija, wegga' serjament John Fitz li gie mbutatt ghal xejn b'xejn.

B'rizultat tal-griehi li sofra huwa ghandu debilita' permanenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma unikament responsabbli ghal dak li gara bejn it-22 u 23 ta' April 2002 f'Paceville, meta ghamlu atti vandali fuq vetturi u korrew serjament lill-attur.
2. Tillikwida d-danni li sofrew l-atturi.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-2 ta' Frar 2005 il-konvenuti wiegbu.

1. Il-qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni (Artikolu 742 tal-Kap. 12). Eccezzjoni li giet deciza b'sentenza parzjali tat-30 ta' Ottubru 2007.
2. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
3. Billi kien hemm diversi persuni nvoluti fl-incident, l-atturi jridu jaghtu prova li d-danni kollha gew ikkawzati mill-konvenuti.
4. Id-danni huma ezagerati. L-attur Fitz ma pproduca l-ebda certifikat mediku minn konsulent jew specjalista li ccertifika l-allegat griehi bhala gravi jew li qieghed ibati minn debilita' permanenti. Ghalkemm l-atturi gew offruti hlas kif ukoll somma ex gratia fir-rigward tal-hsara li saret lill-vetturi, din l-offerta giet rifjutata.

5. Ir-riferenza li saret ghall-proceduri kriminali hi rrilevanti. Il-konvenuti kienu jinsabu Malta fuq vapur tal-gwerra tal-armata Franciza u kellhom pressjoni kbira ghaliex kien ser isalpa minn Malta minghajrhom.
6. It-talba relatata mal-allegata debilita' permanenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.
7. L-atturi jridu jressqu provi tad-danni li allegatament sofrew.

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Preskrizzjoni</u>.**

Bil-mod kif giet proposta l-kawza japplika l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

*"(1) Dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali"*.

Sabiex f'kawza civili tistabbilixxi liema terminu japplika ghal finijiet ta' preskrizzjoni, trid tara x'inhuma l-kawzali u t-talbiet proposti mill-attur.

L-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuti kkagunaw hsara volontarja fuq il-vetturi li jissemmew fic-citazzjoni u kif ukoll hsara ta' natura gravi fuq il-persuna tal-attur Fitz li wasslet ghal debilita' permanenti. Dawn huma delitti regolati mill- Artikolu 216 (offiza gravi fuq il-persuna) u 325 (hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor) tal-Kodici Kriminali. Skond l-Artikolu 668 tal-Kodici Kriminali ghal dawn id-delitti l-azzjoni kriminali taqa' bit-trapass ta' hames snin u iktar.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti jsostu li d-danni *"[….] li qed jintalbu mill-atturi rigwardanti il-vettura FGY 020 huma preskritti stante illi dawn allegatament gew sofferti fit-22-23 ta' April tas-sena 2002 mentri l-kawza giet istitwita fid-19 ta' Ottubru tas-sena 2004"*. Argument li ma

jregix peress li d-danni pretizi huma bazati fuq reat. Ghalhekk japplika l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

**<u>RESPONSABBILTA'</u>**.

Il-konvenuti kienu gew akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li, fost'akkuzi ohra, bejn it-22 u 23 ta' April 2002 fi Triq Elia Zammit, San Giljan ghal habta tan-12.30 ta' filghodu:-

i. Volontarjament ikkagunaw hsara fuq diversi vetturi, liema hsara hi iktar minn Lm500;
ii. Ikkagunaw griehi hfief fuq John Fitz.

Il-konvenuti ammettew l-akkuzi u b'sentenza tat-23 ta' April 2002 u gew ikkundannati sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin.

Mill-istqarrija li rrilaxxaw lill-pulzija kkonfermaw li kienu ghamlu hsara volontarja fuq hdax-il vettura, ghalkemm m'hemmx dettalji tal-vetturi (fol. 136 u 138).

Ghalkemm fil-proceduri kriminali gew akkuzati u ammettew li kkagunaw griehi hfief fuq l-attur Fitz, dan ma jfissirx li m'humiex responsabbli ghall-griehi gravi li sofra Fitz. L-ammissjoni hi fiha nnifisha prova certa li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsara li kkagunaw lill-attur. Ghalkemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jinghad li ammettew l-akkuzi minhabba pressjoni peress li kien ser jitlaq il-bastiment u kien ser ihallihom l-art, dan ma jfissirx li l-ammissjoni m'hijiex valida. Fil-process civili l-konvenuti kellhom kull opportunita' li jixhdu, pero baqghu lura. Ghalhekk il-qorti ma tistax tiskarta l-ammissjoni tal-konvenuti li kkagunaw hsara lill-konvenut. Hijiex hafifa jew gravi hi biss konsegwenza tal-agir illegali taghhom.

Inoltre fil-proceduri kriminali l-Ambaxxatur Franciz ipprezenta dikjarazzjoni fejn jinghad:

*"I would like to inform you that the French Embassy will take the responsibility to pay all expenses incurred by the seamen:*

*Vitali and Austruu (from the vessel Jeanne d'Arc)"* (fol. 112).

Tant accettaw li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li dahlet taghmel tajjeb ghalihom l-Ambaxxata Franciza.

Mill-provi li ressaq l-attur jirrizulta li waqt li l-kaz kien qieghed jigi nvestigat mill-pulizija xi hadd mill-konvenuti mbotta ufficjal tal-pulizija u wara lill-attur. Il-konvenuti jaghmlu riferenza ghal dak li xehed l-attur u Joseph Brincat, u jargumentaw li l-verzjonijiet taghhom ma jaqblux.

Fir-rapport tal-pulizija jinghad x'gara meta l-pulizija kienu qeghdin jarrestaw lill-konvenuti. Jidher li l-konvenuti kienu fis-sakra u rrezistew l-arrest. Fir-rapport jinghad ukoll:-

*"Whilst being arrested Austruy pushed John Fitz to the ground as he was going to give assistnace to PS1492. He sustained injuries to his back and was referred to SLH by Dr Tyron Pillow."* (fol. 23).

Ir-rapport sar minn PS1492 Joseph Pace li kien wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post u arrestaw lill-konvenuti. Verzjoni li rega' kkonferma meta xehed fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2008 (fol. 203). It-tabib Pillow irrakkonta kif kien mar jezamina lill-attur fid-dar tieghu; *"[…] he claimed to have been involved and pushed in his lower back, hit the corner of the sidewalk of (the) pavement if I recall. He was in pain, he was in difficulty sitting down"*. Verzjoni li tikkorabora dak li xehed PS1492 Joseph Pace.

Hu minnu li hemm zewg tobba li ccertifikaw li l-attur sofra griehi hfief. Pero' wiehed irid japprezza li c-certifikat ikun inhareg fuq dak li ra t-tabib li ezamina lill-attur dakinhar tal-incident. Hu evidenti li f'dan il-kaz kien biss meta bdew

ghaddejjin il-granet li gie stabbilit li fir-realta' l-attur kien sofra griehi gravi.

F'dan il-kaz ir-responsabbilta' bejn il-konvenuti hi solidali. L-Artikolu 1049(1) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta' dik il-hsara hija in solidum"*.

F'sentenza tat-28 ta' Gunju 2012 fil-kawza **Martin Xerri vs Joseph Rapa et**[1], il-Qorti tal-Appell qalet:

*"Il-konvenut Carmelo Rapa fit-tweġiba tieghu jghid illi s-solidarjetà tohrog mhux mill-komplicità fl-"incident" izda minn komplicità fl-att li jaghmel il-"hsara", u minn hekk jislet argument illi ladarba hu ma kellux sehem fid-daqqa ta' brick li ghamiet lill-attur, mela ma jwegibx ghall-hsara li ghamlet dik id-daqqa.*
*14. Dan l-argument tal-attur huwa hazin. L-art. 1049(2) jghid car illi huwa biss min ma jkunx mexa dolozament illi jwiegeb "biss ghal dik il-bicca tal-hsara li huwa nnifsu jkun ikkaguna", u li ghalhekk ghar-responsabilità tieghu tkun mehtiega l-prova tal-kawzalità, i.e. illi l-hsara jkun ikkagunaha hu. Min izda jkun mexa dolozament iwiegeb ukoll ghall-hsara ikkagunata minn min ikun mexa bl-istess hsieb doluz tieghu. Ma hemmx dubju illi z-zewg konvenuti mxew dolozament."*.
Ragunament li japplika pjenament fil-kaz in ezami.

**<u>Danni</u>**.

Ghal dak li jirrigwarda danni fuq il-vetturi hemm diskrepanza konsiderevoli bejn il-kumpens li jippretendu l-atturi u l-istima li saret minn Automobile Survey Bureau Limited fuq inkarigu tal-Ambaxxata Franciza:-

[1] B'sentenza tas-17 ta' Gunju 2013, din is-sentenza giet revokata wara proceduri ta' ritrattazzjoni fuq aggravju li m'huwiex relatat mal-applikazzjoni u interpretazzjoni tal-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili.

| **Vettura** | **Stima Sean Fitz**[2] | **Stima ta' ASB Limited**[3]. |
|---|---|---|
| EAK 483 | Lm290 | Lm50 |
| LVY 195 | Lm140 | Lm10 |
| FGY 020 | Lm480 | Lm338 |
| TGY 018 | Lm840 | Lm324.80 |
| BBM 743 | Lm945 | Lm220 |
| **Total** | **Lm2,695** | **Lm943.84**. |

L-istimi ta' Sean Fitz, iben l-attur, huma datati 23 ta' April 2002 u fihom hemm inkluz *loss of use*. Sussegwentement il-hlas ghal-*loss of use* zdied hafna tant li l-atturi jippretendu s-somma ta' Lm4,900 (fol. 286). Min-naha ta' Automobile Survey Bureau Limited l-istima ma tinkludix somma ghal *loss of use*. Wara li l-qorti rat id-dokumenti li pprezentaw il-partijiet tosserva:-

i. X'kienet ir-raguni li l-vetturi damu biex issewwew ? L-attur qal li kien qieghed jistenna l-approvazzjoni minghand is-surveyor inkarigat mill-Ambaxxata Franciza. Fil-fehma tal-qorti mehud in konsiderazzjoni tan-natura tal-hsarat fuq il-vetturi, is-sid ma kellux bzonn jistenna lil hadd diment li l-hsara tkun adegwtament dokumentata u jiehdu wkoll ritratti tal-vetturi bil-hsara tidher. Inoltre l-hsarat ma kienux estensivi u t-tiswija saret fil-garaxx tal-kumpannija tal-attur. Il-fehma tal-qorti hi li m'hemmx prova li tista' tiggustifika dak it-trapass ta' zmien kollu. Id-danneggat ghandu obbligu li jimminimizza d-danni. L-atturi qeghdin jitolbu *loss of use* ghall-perjodu mit-23 ta' April 2002 sat-2 ta' Lulju 2002 fuq tlett vetturi (EAK 843, FGY 020 u FGY 018[4]) li huma tal-attur u fuq il-vettura BBM 743[5] li hi l-vettura privata tal-attrici (fol. 42). Fl-istima li ghamel Sean Fitz, hemm tlett ijiem ghall-vettura EAK 483, ghaxart ijiem ghall-vettura BBM 743, hamest ijiem ghall-vettura FGY 020 u sitt ijiem ghall-vettura FGY 018.

[2] Fol. 281-285. F'din l-istima hemm inkluz il-*loss of use*.
[3] L-istima ma tinkludix kumpens ghal *loss of use*.
[4] Lm1,400 ghal kull vettura, bir-rata ta' Lm20 ghal kull gurnata.
[5] Lm700, bir-rata ta' Lm10 ghal kull gurnata.

Min-naha ta' Automobile Survey Bureau Limited fis-survey report dwar EAK 483 inghataw bejn jumejn u tlett ijiem, hamest ijiem ghall-vettura BBM 743, hamest ijiem ghall-vettura FGY 020 u hamest ijiem ghall-vettura FGY 018. Wara dawn zdiedu b'iktar minn xahrejn. L-attur qal li l-vetturi tieghu ma setghux jintuzaw ghaliex wahda kienet tal-kiri u t-tlieta l-ohra jintuzaw bix-xufier. Pero fl-istess hin qal li meta ntuzaw qalghu zewg tahrikiet minhabba li l-vetturi kienu ghadhom bil-hsara. Mela kienu qeghdin jintuzaw. Sahansitra l-kumpens li qeghdin jippretendu l-atturi ghall-*loss of use* hu ferm iktar mill-hsara li saret fil-vetturi. Fil-fehma tal-qorti l-atturi qeghdin jipprovaw japprofitaw ruhhom.

ii. Ma gewx prezentati ricevuti tax-xiri tal-parts.

iii. It-tiswija saret fil-garaxx tan-negozju tal-attur. Fil-fatt il-kontijiet li gew prezentati huma ta' freePhone Group (ara per ezempju fol. 44-46).

iv. Hemm diskrepanza mhux zghira bejn spejjez ghat-tiswija skond dak li qeghdin jippretendu l-atturi u stima ta' Automobile Survey Bureau Limited.

v. Fir-rigward tal-VAT ma tifhimx kif jigi reklamat fir-rigward tal-vetturi ta' freePhone Group jekk it-tiswija ghamluha huma stess.

vi. Is-surveys saru minn Sean Fitz, li hu iben l-attur u nvolut fin-negozju. Ghalkemm prova *ex parte* hi ammissibbli, pero f'dan il-kaz hu evidenti li Sean Fitz kellu kunflitt ta' interessi evidenti iktar u iktar meta tqies li missieru kien direttament involut fil-kaz. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2012 Sean Fitz spjega: *"Mela r-relazzjoni bejn Car Repair Centre u Free Phone Taxies hija li Car Repair Centre huwa garaxx li isewwi d-daqqiet mhux ghal Free Phone Taxies biss pero' ghall-pubbliku u l-Free Phone Taxies li hija kumpannija li issewwi l-karozzi taghha"* (fol. 448).

vii. Hemm certu hsarat li jissemmew fi-survey ta' Sean Fitz li ma jissemmewx fis-survey ta' Automobile Survey Bureau Limited.

viii. Fir-rigward tal-vettura BBM 743 kien ra wkoll is-surveyor Joseph Zammit fuq inkarigu tal-attrici, u esprima l-opinjoni li l-mudguard milqut kellu jinbidel. Haga li ma tissemmix fis-survey ta' Automobile Survey Bureau Limited.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara li l-qorti qieset is-survey report li sar minn kull parti, qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **€3,261** (Lm1,400) danni fil-vetturi li minnhom €931.75 (Lm400) huma tal-vettura BBM 743. Peress li bejn iz-zewg partijiet m'hemmx xi diskrepanza kbira ghal dak li jikkoncerna *loss of use*[6], il-qorti tillikwida s-somma ta' **€698.81** (Lm300) li minnhom €139.76 (Lm60) qeghdin jigu allokati ghall-vettura BBM 743.

Issa ser jigu kkunsidrati d-danni li l-attur qieghed jippretendi ghall-hsara li sofra fil-persuna tieghu. Il-qorti nkarigat lil Mr Carmel Sciberras bhala perit mediku. F'rapport li pprezenta fid-19 ta' Gunju 2009 irrelata:-

*"Is-sur Fitz jidher li garrab hsara fit-tessuti rotob tas-sinsla lumbari u ta' madwar il-coccyx. B'xorti hazina din ta' l-ahhar nahseb li spiccat f'kondizzjoni msejha cocydynia. Mhux dejjem jirnexxilna nfejquha u fil-kaz tas-sur Fitz, issa li ghaddew aktar minn hames snin mill-incident, nahseb li saret permanenti. Is-sur Fitz irid isib mod iqassam il-hin wieqaf jew bil-qieghda tieghu, joqghod fuq siggijiet mhux iebsin, ma jerfax hwejjeg tqal u lanqas jitbaxxa kemm jista' jkun…..*
*DIZABILITA' 8% (tmienja fil-mija)."* (fol. 251-252).

L-attur jippretendi:

i. €465.80 xiri ta' medicina, izda ma pprezentax ricevuti ta' dawn l-allegati spejjez. Madankollu l-qorti ma tqiesx li din is-somma bhala eccessiva meqjus li mill-provi rrizulta li kien gie ezaminat minn tobba.
ii. danni li sofra minhabba li gie *boarded out*. Spjega li *"[….] tul is-snin li huwa kien boarded out huwa kien jithallas biss Lm1803.92 fis-sena; ghalhekk mid-dhul annwali tieghu ta' Lm3600 huwa kien qed jitlef Lm1796.08 fis-sena – ghalhekk John Fitz qed jitlef dan l-ammont kull sena ghal hames (5) snin u ghalhekk bhala kumpens*

[6] Ovvjament hawn il-qorti qeghda tirreferi ghall-ewwel stima ta' Sean Fitz u mhux dak li jinghad fid-dokument a fol. 77 (ara raba' kolonna fejn hemm mizjud ukoll kumpens ghal-loss of use).

*huwa ghandu jithallas Lm1796.08 x 14 – Lm8,980.4 ie €20915.35, liema somma kif gie spjegat tirraprezenta d-diffeerenza li huwa kien jaqla' fis-sena u dak li kien qed jithallas bhala persuna boarded out inhabba d-depression li kellu"*.

iii. Telf futur 14 il-sena x 8% = €1,4346.64 liema somma ghandha tigi imhallsa ghad-debilita li sofra John Fitz.

Meta sehh l-incident (April 2002) l-attur kellu 51 sena[7]. L-attur twieled fis-6 ta' Frar 1951. Kien direttur u impjegat ma' Freephone Taxi & Minibus Hire Ltd (fol. 68), u kellu salarju ta' Lm3,600 fis-sena (fol. 153). Fit-22 ta' Mejju 2002 applika ghall-pensjoni ta' invalidita' u fit-28 ta' Gunju 2002 deher quddiem Bord Mediku, li dakinhar ma hax decizjoni. Fil-11 ta' April 2003 gie ezaminat minn bord mediku u gie ddikjarat li hu inkapaci jahdem ghall-perjodu bejn tlieta u hames snin, u beda jithallas pensjoni ta' invalidita' b'effett mit-3 ta' Mejju 2003[8]. Ir-raguni hi *"Chronic Reactive Depression u Hypertension"*. B'avviz datat 26 ta' Awissu 2003 gie nfurmat mid-Direttur (Sigurta Socjali) li fil-gimgha kien ser ikun qieghed jithallas pensjoni ta' invalidita' ta' Lm32.46 (Lm1,687.92 fis-sena). Ghalhekk id-differenza bejn is-salarju li kellu u l-pensjoni ta' invalidita' hi ta' €4,453.95 (Lm1,912). Il-pensjoni ta' invalidita' kienet tizdied kultant zmien. Mit-3 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Dicembru 2004 kienet Lm32.96 fil-gimgha, filwaqt li fl-1 ta' Jannar 2005 saret Lm34.13 fil-gimgha. Xehed il-psikjatra Dr George Debono (seduta tal-20 ta' Mejju 2008) u kkonferma li l-attur kien ibati mid-depressjoni li giet accentwata bil-griehi li sofra[9]. Spjega wkoll li l-konkluzjonijiet tieghu huma bbazati fuq dak li qallu l-pazjent (fol. 213). Il-qorti tosserva li l-attur dahal f'kontradizzjoni fil-kalkoli li ghamel, ghaliex

i. Jippretendi hlas ta' **€20,915** ghad-differenza bejn salarju li kellu u pensjoni ta' invalidita' li beda jircievi wara li gie *boarded out*, li hu kalkolu fuq 5 snin; u

---

[7] Twieled

[8] Ara deposizzjoni ta' Adrian Attard (seduta tal-20 ta' Mejju 2008), fol. 229.

[9] *"Jiena l-ewwel nett ghidt li depression kien hemm qabel jigifieri if anything at that time kien hemm accentuation mhux causative"*.

ii. Hlas ghat-telf futur fuq perjodu ta' 14 il-sena li ddeskrivih bhala l-perjodu bejn 51 sena u meta jaghlaq 65 sena, li llikwida fl-ammont ta' **€14,346.64**.

Iz-zewg ammonti m'humiex kompatibbli ma' xulxin. Kieku l-qorti kellha tilqa' din il-pretensjoni jkun ifisser li l-attur jigi kkumpensat ghal darbtejn fuq l-istess perjodu. Il-pretensjoni ta' €20,915.35 li jkopri perjodu ta' 5 snin[10] tikkancella l-pretensjoni ghat-telf futur kalkolata fuq rata ta' debilita' permanenti ta' 8% ghall-ewwel 5 snin. Inoltre, mid-data tal-incident sal-lum ghaddew ftit iktar minn hdax-il sena.

Inoltre l-qorti tosserva li:-

i. Il-Bord Mediku ccertifika li l-attur ma kienx tajjeb ghax-xoghol ghal tlieta sa hames snin. M'hemmx prova li kien rega' gie ezaminat minn Bord Mediku.
ii. Il-Bord Mediku ma ghamel ebda dijanjozi[11].
iii. Ic-certifikat mediku mahrug mill-psikjatra Dr George Debono, datat 9 ta' April 2003[12], ma jghidx li l-attur ma jistax jahdem iktar izda li *"His mental state is such that* ***I still*** *consider him (unfit) for any type of work"* (enfazi tal-qorti).
iv. Mid-deposizzjoni ta' Dr George Debono ma jirrizultax ghal kemm zmien id-depressjoni kronika li kien ibati minnha Fitz baqghet tigi accentwata bl-ugiegh li kien ihoss f'daharu.
v. Hadd mill-membri tal-Bord li xehedu ma ftakru xejn. M'hemm l-ebda spjegazzjoni dwar il-kriterji li ntuzaw biex waslu ghad-decizjoni li l-attur ma kienx kapaci jahdem ghall-perjodu bejn 3 u 5 snin.
vi. M'hemmx prova medika li bil-granet, bix-xhur u s-snin id-dipressjoni kronika li ghandu l-attur baqghet tkun accentwata minhabba l-griehi li sofra fl-incident. Dan minkejja li mid-deposizzjoni ta' George Cremona, ufficjal

---

[10] Ghal dan il-perjodu ta' hames snin l-attur qieghed jippretendi hlas ta' Lm8980 (€20,915.35) (ara nota ta' sottomissjonijiet).
[11] It-tabib Dr Vincent Moran, wiehed mill-membri tal-Bord mistoqsi jekk kienux ghamlu dijanjozi jew jekk id-decizjoni taghhom kenitx bazata fuq certifikat mediku, wiegeb: *"Fuq ic-certifikati. Ma tistax taghmel dijanjozi hemmhekk dak il-hin. Triq toqghod fuq ic-certifikati li jkunu prodotti"* (fol. 217).
[12] Fol. 106.

tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, irrizulta li Fitz baqa' jithallas il-pensjoni ta' invalidita' sat-22 ta' Awissu 2008[13]. Ghalhekk 'il fatt li baqa' jircievi pensjoni ta' invalidita' m'hijiex xi prova li dan ghandu xi konnessjoni mal-griehi li sofra mal-incident meritu tal-kawza.

vii. M'hemmx prova medika li 11 il-sena wara l-incident l-attur ghadu mhux tajjeb biex jahdem. Anzi mid-deposizzjoni ta' Dr Debono jirrizulta mod iehor.

viii. Il-qorti ghandha suspett kemm verament l-attur qatt ma rega' hadem. Ir-realta' tibqa' li l-attur ma kienx jahdem ma' terzi izda fin-negozju tieghu stess.

Madankollu l-indikazzjoni hi li l-griehi li garrab l-attur wasslu biex ghal xi zmien ma komplix jahdem. Ghalhekk ghandu jircievi kumpens. Il-qorti ma tistax tiskarat 'l fatt li effettivament it-tabib kuranti tal-attur, Dr George Debono, kkonferma li l-griehi li sofra l-attur wasslu biex kellhom impatt fuq id-depressjoni li kellu. M'hemmx prova kuntrarja u ghalhekk il-qorti ma tistax tiskarta tali prova.

Fic-cirkostanzi l-kalkoli li ser taghmel il-qorti huma dawn:-

i. Perjodu ta' tlett snin (3 ta' Mejju 2003 sat-3 ta' Mejju 2006) fejn il-kumpens ghandu jkun id-differenza bejn is-salarju li kellu u l-pensjoni ta' invalidita', cjoe' Lm3,600 – Lm1,687.92= Lm1,912.08 **(€4,453.95**)[14]. Il-qorti qeghda tiffissa perjodu ta' tlett snin meqjus li hu terminu li jissemma fir-rapport tal-Bord Mediku u li skond Dr Debono l-griehi kienu accentwat id-depressjoni u mhux ikkagunawha. Fil-fatt qabel sehh l-incident l-attur kien diga' qieghed ibati minn depressjoni kronika.

ii. Ghall-kumplament tas-snin il-kalkoli jridu jsiru a bazi tad-debilita' permanenti ta' 8%. Il-multiplier li ser jintuza huwa ta' 14 il-sena. Illum l-attur ghandu 62 u ghalhekk it-talba tal-attur li l-kakoli jsiru fuq multiplier ta' 14 il-sena m'hijiex ezagerata. Bhala bazi ser jittiehed salarju ta' €11,000 fis-sena meqjus li matul is-snin hu probabbli li s-

---

[13] Skond dokument GC2 il-pensjoni ta' invalidita' thallset mit-3 ta' Mejju 2003 sat-22 ta' Awwissu 2008.

[14] Ma ttiehidx in konsiderazzjoni l-awment fil-pensjoni ta' invalidita' peress kieku baqa' registrat bhala impjegat, il-probabilita' hi li kien jizdied is-salarju.

salarju tieghu kien jizdied. Dan ifisser €11,000 x 11 il-sena[15] x 8% = **€9,680[16]**.

Ghalhekk id-danni komplessivi li jridu jithallsu lill-attur bhala kumpens ghall-griehi li sofra huma: €465.80 + €13,361 + €9,680 = **€23,506.80**.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad it-tieni eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.**
**2. Tichad it-tielet, hames, u sitt eccezzjoni.**
**3. B'riferenza ghar-raba' eccezzjoni filwaqt li tikkonferma li d-danni li kienu qeghdin jippretendu l-atturi huma ezagerati, pero tichad il-kumplament tal-eccezzjoni.**
**4. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghall-incident li sehh bejn it-22 u 23 ta' April 2002 li fih saret hsara fil-vetturi oggett tal-kawza u gie mwegga' l-attur.**
**5. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' seba' u ghoxrin elf erba' mija u sitta u sittin ewro u wiehed u sittin centezmu (€27,466.61) in kwantu ghal:-**
**(a) Tlett elef disa' mija u disa' u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3,959.81) b'riferenza ghall-hsara fil-vetturi inkluz *loss of use*, li minnhom €2,888.3 huma dovuti lill-attur Fitz filwaqt li €1,071.51 dovuti lill-attrici Gauci;**
**(b) Tlieta u ghoxrin elf hames mija u sitt ewro u tmenin centezmu (€23,506.80) dovuti lill-attur bhala danni b'rizultat tal-griehi li sofra fuq persuntu.**
**6. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment ihallsu d-danni hekk likwidati.**

---

[15] 11 il-sena peress li tlett snin mill-14 il-sena qeghdin jigu kkumpensati bid-differenza bejn salarju ta' Lm3,600 fis-sena u pensjoni ta' invalidita' ta' Lm1,687.92 fis-sena.
[16] Ma tnaqqasx il-persentagg ta' 20% peress li diga' ghaddew ghaxar snin minn meta giet proposta l-kawza u kull ma fadal biex l-attur jaghlaq 65 sena (li ntuza bhala bazi ghal finijiet ta' multiplier) hu ftit iktar minn sentejn.

**Bl-imghax mil-lum. Salv ghal dak li diga' nghad, spejjez jinqasmu in kwantu ghal tmenin fil-mija (80%) a karigu tal-konvenuti u ghoxrin (20%) a karigu tal-atturi gialadarba l-atturi kienu qeghdin jippretendu hlas eccessiv. Spejjez tal-perit mediku huma a karigu tal-konvenuti *in solidum*.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------